# Ċ 4.3 IX-XOGĦOL



**Ċ4.3.3**

Ngħinu lill-istudenti biex jesploraw ix-xogħlijiet l-iktar komuni li jaraw isiru madwarhom fil-lokalità fejn joqogħdu.

## A. Aqra x'inhuma jgħidu dawn il-ħaddiema, imbagħad wieġeb.



Aħna ħaddiem li naħdmu ġewwa fabbrika fil-Qasam Industrijali ta' Buleben fiż-Żejtun. Xogħolna hu li nippakkjaw il-bottijiet tal-priserv ġo kaxxi tal-kartun. Aħna naħdmu tmien sigħat kuljum. Kull filgħodu niġu bil-minibus għax-xogħol. Min joqgħod iż-Żejtun, min joqgħod il-Gudja, imma hemm min anke jiġi mill-Mosta.

Jisimni Nena, u għandi ħanut tal-merċa ġewwa Ħal-Luqa. Il-ħanut qiegħed mad-dar tagħna stess, allura meta r-raġel jiġi mix-xogħol, u anke meta t-tfal ilestu mill-homework, dawn kollha jinżlu jgħinuni fil-ħanut. Il-ħanut jorbotni ħafna. Niftaħ fil-5.30am, u ma nagħlaqx qabel is-7.00pm. Imma ma niddejjaqx għax fil-ħanut niltaqa' ma' ħafna nies.



**Wieġeb billi timmarka t-tajbin jew timla l-vojt.**

1. Ġo qasam industrijali nsibu ħafna (djar, fabbriki, siġar) miġbura ħdejn xulxin.

2. Fil-fabbrika ta' Buleben imsemmija fl-istorja, l-iktar li kellhom bogħod biex imorru għax-xogħol kienu dawk li joqogħdu (ż-Żejtun, il-Gudja, il-Mosta).

3. Il-ħaddiema tal-fabbrika jaħdmu (ħames, tmien, għaxar) sigħat kuljum.

4. Mill-ħanut tal-merċa nixtru l-iktar affarijiet (taż-żebgħa, tax-xagħar, tal-ikel).

5. Nena għaliex ma tiddejjaqx fil-ħanut?

______________________________________________

______________________________________________

6. Ikkalkula kemm idum miftuħ kuljum il-ħanut ta' Nena.

______________________________________________

______________________________________________

7. Semmi żewġ vantaġġi li għandha Nena fix-xogħol tagħha fil-ħanut tal-merċa:

______________________________________________

______________________________________________

8. Semmi żewġ xogħlijiet oħra, minbarra bejjiegħ tal-merċa, li biex tagħmilhom, m'hemmx għalfejn toħroġ mill-belt jew raħal fejn tkun toqgħod

______________________________________________

______________________________________________

9. Li kellek għażla bejn li taħdem bħal Nena, u li taħdem fil-fabbrika ta' Buleben, liema tagħżel, u għaliex?

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

**B. Inti x'tixtieq issir la tikber?**

Aħseb ftit fuq ix-xogħolijiet li hemm fil-komunità tiegħek. Ikteb ftit sentenzi.

- Inti x'tixtieq issir meta tikber? Għaliex?
- F'hiex ikun jikkonsisti x-xogħol tiegħek?
- Fejn tkun taħdem?
- X'għodda tuża biex tagħmel dan ix-xogħol?



________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________



________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________